MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2010

Numru. 1179/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alexander Paul Miruzzi)**

**Vs**

**Mauro Zammit ta’ 23 sena, iben Paul u Rita xebba Mercieca, imwieled Pieta` fit-22 ta’ Marzu, 1986 u residenti 97, Triq San Albert, Gzira, detentur tal-karta tal-identita` numru ID 145286(M)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Mauro Zammit li gie akkuzat talli nhar l-24 ta’ Marzu, 2009 u fil-jiem ta’ qabel din id-data f’dawn il-Gzejjer seraq senter tal-marka Luigi Franchi b’numru tas-serje mhassar li jiswa aktar minn mitejn u tlieta u tletin Euro (Euro 233) pero` anqas minn elfejn u hames mitt Euro (Euro2,500) ghad-detriment ta’ persuna mhux maghrufa liema serq hu aggravat bil-valur tal-haga misruqa.

Akkuzat ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi xjentement laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex imexxihom.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi minghajr licenza tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew kontroll tieghu, jew kellu f'idejh jew fuqu, arma tan-nar jew munizzjoni barra minn fond jew post li jaghmel mieghu.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi gie fil-pussess ta' arma tan-nar, jigifieri senter tal-marka Luigi Franchi b'numru tas-serje imhassar jew munizzjoni, xort' ohra milli b'licenza, u minnufih naqas jaghti avviz taghhom lill-Kummissarju tal-Pulizija, halli jordna jekk dik l-arma tan-nar jew munizzjoni ghandhomx jinzammu taht idejn il-Pulizija jew taht idejn il-persuna li tkun tat dak l-avviz.

Akkuzat ukoll talli sar recidiv b'diversi sentenzi datati 16 ta' Frar 2005 (Mag. A. G. Vella); 15 ta' Settembru 2005 (Mag. C. Scerri Herrera); 13 ta' Frar 2006 (Mag. A.G. Vella); 12 ta' Dicembru, 2006 (Mag. A.G. Vella); 27 ta' Lulju 2007 (Mag. S. Demicoli) u 14 ta' Marzu 2007 (Mag. E. Grima); Qorti tal-Appell Kriminali (Ghawdex) datat 17 ta' April, 2009, liema sentenzi huma kollha definittivi u ma jistghux jigi mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat ghat-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-hames akkuzi migjuba fil-konfront tieghu liema ammissjoni giet rijaffermata mill-imputat wara li l-Qorti tghatu zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess.

Semghet illi l-Ufficjal Prosekutur irtira l-ewwel akkuza peress illi dina inghatat bhala kap alternattiv ghat-tieni imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputat ghat-tieni, ghat-tielet, ghar-raba’ u ghal hames akkuza migjuba fil-konfront tieghu l-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta’ l-istess. Il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel akkuza peress illi din giet irtirata mill-Prosekuzzjoni.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmulha mill-imputat u thoss illi ghalkemm l-imputat huwa recidiv fuq diversi sentenzi li nghataw fil-konfront tieghu in konnessjoni mad-delizzju tieghu tal-kacca, madankollu jidher illi l-imputat qieghed jirriforma ruhu u ghalhekk ghad hemm it-tama illi huwa jaqbad it-triq it-tajba.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 344,49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u 5(1), 41, 51(1)(8) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta, filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel akkuza, issib lill-imputat hati tal-kumplament tal-akkuzi, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tillibera lill-hati bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum, kif ukoll tikkundanna lill-hati ghal hlas ta’ multa ta’ elfejn euro (€2,000).

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ liberta taht kundizzjoni.

Il-Qorti tordna wkoll il-konfiska ta’ Dok C esebit fl-atti tal-kawza.

Finalment il-Qorti tordna illi l-hati jigi skwalifikat milli jkollu licenza ghal zmien tlett snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------